**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 29 ta' Ottubru, 2015**

**Citazzjoni Nru: 1271/2012 AF**

**Gaetano u Judith konjugi Cutajar**

**vs**

**L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Gaetano u Judith Cutajar li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Ir-rikorrenti huma proprjetarji ta' bicca art tal-kejl ta' cirka erbat itmiem gewwa l-Imriehel, parti minnha limiti ta' B'Kara u l-parti l-ohra limiti ta' Hal Qormi billi minn din il-bicca art ghaddejja il-Bypass tal-Imriehel liema art tinsab ahjar deskritta fil-kuntratt tal-akkwist li sar quddiem in-Nutar Tonio Spiteri fid-19 ta' Jannar 1988 kif ukoll fil-pjanta annessa mal-istess kuntratt li tnejn flimkien qeghdin jigu hawn mehmuza u jiffurmaw parti mid-dokument A li ser jissemma iktar tard f'dan ir-rikors guramentat.

Ftit ilu r-rikorrenti gew mgharrfa mid-Direttur tas-socjetà Central Asphalt Limited illi fil-granet jew gimghat li gejjin huma kienu sejrin jghaddu triq minn gol-proprjetà tar-rikorrenti u dana wara li rebhu tender mahrug mill-Awtorità intimata biex tigi ffurmata triq gdida gewwa l-Imriehel liema triq hija ntenzjonata li taqsam u tghaddi mill-proprjetà tar-rikorrenti u dana meta sal-lum ma saret l-ebda expropriation order mill-Awtoritajiet kompetenti sabiex dik il-parti tal-art proprjetà tar-rikorrenti li fuqha l-Awtorità intimata u s-socjetà minnha mqabbda biex taghmel ix-xogholijiet, tigi esproprijata kif lanqas ma saret l-ebda kommunika la mill-Awtorità intimata lanqas minn xi Awtorità Governattiva ohra jew mid-Direttorat tal-Artijiet li l-Gvern kellu l-intenzjoni li jghaddi triq minn fuq proprjetà tal-intimati.

Ghalkemm sakemm mal-intimati jew min minnhom jew xi Awtorità Governattiva ohra taghmel dak minnha rikjest bil-Ligi sabiex taghmel taghha proprjetà ta' terzi, din tkun qed tikser il-Ligijiet tal-pajjiz billi hadd m'hu fuq il-ligi u hadd ma jista' jiehu l-ligi f'idejh, lanqas il-Gvern jew xi Awtorità minnu kkrejata.

Ir-rikorrenti iktar kmieni dan ix-xahar kienu talbu u ottenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Awtorità intimata kif ukoll kontra s-socjetà Central Asphalt Limited iktar il-fuq riferita sabiex l-Awtorità intimata tigi inibita milli tidhol fuq il-proprjetà tal-esponenti u/jew jaghmlu fuqha xogholijiet jew b'mod iehor japproprjaw, juzaw jew jaghmlu taghhom proprjetà tal-intimati jew anke parti minnha u dana skond decizjoni moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-4 ta' Dicembru 2012 u a skans ta' dewmien u sabiex din il-Qorti tkun f'posizzjoni ahjar biex taghraf il-fatti speci tal-kaz qieghed jgi hawn esibit kopja tal-inkartament tal-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni liema inkartament qieghed jigi mmarkat dokument A.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tikkonferma il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq riferit u konsegwentement tordna li dan jinzamm fis-sehh sakemm l-Awtoritajiet Governattivi kompetenti jottemporaw ruhhom mal-Ligi u dana taht kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha li ghandha taghti jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1791/12LFS, bl-ingunzjoni tal-Awtorità intimata ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra li l-esponenti ghandhom dritt skond il-Ligi li jiehdu kontra l-Awtorità intimata.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat it-twegiba mahlufa tal-Awtorità ghat-Trasport ta' Malta li permezz taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament it-talba attrici ghandha tigi respinta stante li ma tissodisfax ir-rekwiziti msemmija fl-Artikolu 843(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jiddisponi li l-kawza in sostenn tal-mandat t'inibizzjoni ghandha ssir "ghall-jedd imsemmi fil-mandat" u mhux ghall-"konferma tal-hrug tal-mandat t'inibizzjoni".

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi ghandhom jippruvaw id-drittijiet ta' proprjetà li qed javvantaw u, b'mod partikolari ghandhom juru b'mod car liema parti mill-proprjetà taghhom allegatament hija milquta b'xogholijiet mwettqa [jew li kienu se jigu mwettqa mill-Awtorità].

Fil-mertu t-talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex hija msejsa fuq premessi illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt. F'dan ir-rigward jinghad illi:

1. Mhux minnu illi l-Awtorità intimata harget tender biex tigi ffurmata triq gdida gewwa Mriehel, izda sempliciment inkarigat kuntrattur biex jaghmel xogholijiet necessarji fi triq illi ilha snin skemata, iffurmata u tintuza mill-pubbbliku [Triq l-Intornjatur].

2. Tali xogholijiet huma in linea mal-funzjonijiet u poteri tal-Awtorità u ma jehtiegux esproprju.

3. Fi kwalunkwe kaz, l-Awtorità konvenuta m'ghandha ebda poter illi tesproprja xi art.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri. B'mod partikolari, l-esponenti umilment tirriserva illi tressaq eccezzjonijiet ulterjuri fil-mertu f'kaz illi din il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari taghha.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorità intimata, bil-jedd moghti lill-partijiet li jressqu sottomissjonijiet bil-miktub.

Rat li, minkejja dan, kienet biss l-Awtorità intimata li ressqet is-sottomissjonijiet taghha.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza l-konjugi Cutajar qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tikkonferma l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni mahrug minn din il-Qorti diversament presjeduta u li permezz tieghu l-Awtorità intimata giet inibita milli tidhol fuq l-proprjetà tal-esponenti u:

> *"jidhlu fuq il-proprjetà tal-esponenti u/jew jaghmlu xi xogholijiet jew b'mod iehor japproprjaw, juzaw jew jaghmlu taghhom il-proprjetà tal-intimati jew anke parti minnha u dan ghar-ragunijiet hawn isfel imsemmija."*

L-Awtorità intimata issostni preliminarjament illi t-talba li hija ghall-konferma tal-mandat ta' inibizzjoni ma tistax tintlaqa' ghaliex m'hijiex skond kif jipprovdi l-Art. 843(1).

Ikkunsidrat illi l-Art. 843(1) tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:

> *"(1) Ir-rikorrent għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat:*
>
> *Iżda fejn il-ħruġ ta' mandat jintalab minn xi parti minn koppja kontra l-parti l-oħra u l-parti li toħroġ il-mandat tkun bdiet il-proċeduri quddiem il-qorti, il-perjodu hawn fuq*

*imsemmi jibda' jgħodd mill-ġurnata li fiha tiġi awtorizzata tipproċedi mill-qorti imma l-mandat jieqaf milli jkollu effett immedjatament jekk il-proċeduri jiġu rtirati jew abbandunati."*

Il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati *in subiecta materia* hija cara u ben stabbilita fis-sens illi kawza mibdija wara mandat ta' inibizzjoni ghandha l-ghan ewlieni li tistabilixxi il-jedd pretiz mir-rikorrenti fil-mandat u m'ghandhiex tillimita ruhha ghall-konferma tal-istess mandat. M'huwiex permess fil-ligi taghna l-inibizzjoni perpetwa ta' jedd li gie stabbilit "prima facie" fil-procedura kawtelatorja. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Galea et vs Gauci (7 ta' Ottubru 1997), kif ukoll ghas-sentenza tal-istess Qorti tal-Appell fil-kawza Scehmbri vs Saqqajja Caterers Limited (7 ta' Ottubru 2005). Il-gurisprudenza tikkonferma konstantement li ma jezisti ebda jedd ta' kawtela permanenti fl-astratt.

Fid-dawl ta' dan il-principju il-Qorti qieset ir-rikors promotur f'din il-kawza fejn it-talba maghmula lil din il-Qorti hija unika:

*"Tikkonferma il-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq riferit u konsegwentement tordna li dan jinzamm fis-sehh sakemm l-Awtoritajiet Governattivi kompetenti jottemporaw ruhhom mal-Ligi u dana taht kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha li ghandha taghti jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1791/12LFS, bl-ingunzjoni tal-Awtorità intimata ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra li l-esponenti ghandhom dritt skond il-Ligi li jiehdu kontra l-Awtorità intimata."*

Il-Qorti fliet ukoll l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni *de quo* u tinnota illi d-dritt li fuqu intalab u nhareg il-mandat ta' inibizzjoni kien dritt ta' proprjetà fuq l-art li riedet taghmel xoghol fuqha l-Awtorità intimata. Ma ntalbet f'din il-kawza ebda konferma ta dan id-dritt ta' proprjeta pretiz.

Għaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorità tat-Trasport f’Malta u tillibera l-istess Awtorità mill-osservanza tal-Gudizzju.

L-ispejjez jithallsu minn Gaetano u Judith konjugi Cutajar.

IMHALLEF

DEP/REG